Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,570, 30 ta' Jannar, 1998
Taqsima B

A.L. 34 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-1998 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1995 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1995 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-regolamenti ta' l-1995 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons) - li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. (1) Ir-regolament 3 għandu japplika minn Ottubru 1996 'il quddiem.

(2) Ir-regolamenti 4 u 5 għandhom japplikaw minn Lulju 1997 'il quddiem.

Emenda għar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafi (3) u (4) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Il-kors ta' l-istudji għandu jkun fih għadd ta' taqsimiet studju li għalih għandu jkun mogħti mhux inqas minn erbgħin (40) u mhux aktar minn ħamsa u erbgħin (45) kredtu.

Sakemm fil-kaz ta' studenti li daħlu fil-Kors f'Ottubru 1996, il-kors ta' l-istudji għandu jkun fih għadd ta' taqsimiet studju li għalih ikun mogħti mhux inqas minn ħamsa u tletin (35) kredtu.

(4) Fid-diskrezzjoni tad-Dipartiment rilevanti, l-għadd tal-kredti meħtieġ jista' jinkludi dissertazzjoni li tkun tiswa seba' (7) kredti."

4. Għandhom jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin wara l-paragrafu (10) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali:

"(11) (a) Student li, għal raġuni valida, jonqos milli jikseb l-għadd minimu ta' kredti preskritti mir-regolamenti fl-aħħar ta' l-Ewwel Sena jew fl-aħħar tat-Tieni Sena jista' jitħalla mill-Bord tal-Fakulta' jestendi l-istudji tiegħu b'sena taħt dawk il-kundizzjonijiet dwar l-għadd u l-għażla ta' taqsimiet studju u materji analogi skond kif il-Bord tal-Fakulta' jista' jiddeċiedi f'kull każ.

(b) F'kull każ, l-istudent għandu jkun meħtieġ jirreġistra għal mhux inqas minn 19 u mhux aktar minn 30 taqsima studju, u jikseb għallinqas 16-il kredtu, inkluz il-kredti kollha preskritti skond dawn ir-regolamenti."

Emenda għar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali

5. Minflok il-paragrafu (6) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(6) L-Eżamijiet Finali Sinottiċi għandhom jikkonsistu f'erba' karti ta' tliet sigħat-il waħda fil-qasam ta' studju magħżul."